MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 476/2002/1

**Fal-Con Limited, Henry Falzon, Joseph Falzon, George Falzon, Michael Falzon f'ismu proprju kif ukoll bħala leġittimu rappreżentant ta' ibnu minuri Daniel; u b'digriet tat-28 ta' Novembru 2003 l-imsemmi Daniel Falzon assuma l-atti personalment *stante* li llum huwa maġġorenni.**

**-vs-**

**Nazzareno *sive* Reno Micallef**

**Il-Qorti;**

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fis-26 ta' April 2002 li permezz tagħha l-atturi ppremettew:

Illi fl-għodwa ta' nhar it-Tlieta sittax (16) ta' April, sena elfejn u tnejn (2002) f'Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Malta, il-konvenut aggredixxa u spara fuq l-atturi;

Illi matul l-imsemmija sparatura, l-atturi ġew milquta mill-isparar ta' konvenut u feruti anke' serjament, apparti mix-*"shock"* qawwi li minnu qed ibagħtu l-atturi kollha b'effett ħażin fuq saħħithom;

Illi minħabba dan l-aġir vjolenti tal-konvenut, l-atturi sofrew, qed isofru u sejrin ikomplu jsofru d-danni, għal liema danni għandu jirrispondi l-konvenut fil-konfront tal-atturi *stante* r-responsabbilta' tal-konvenut għall-konsegwenzi ta' għemilu;

Illi matul l-istess inċident il-konvenut spara wkoll u laqat il-karozza *Isuzu Trooper* (numru ta' reġistrazzjoni JBB 642) proprjeta' tas-soċjeta' attriċi u kkreja ħsara lill-istess karozza, għal liema dannu huwa unikament responsabbli l-konvenut fil-konfront tas-soċjeta' attriċi;

Jgħid għalhekk il-konvenut għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli għad-danni li sofra, qed isofri u sejjer isofri l-attur Henry Falzon konsegwenza tal-aġir vjolenti tal-konvenut dakinhar tas-sittax (16) ta' April, 2002 hawn fuq deskritt; u

2. Tillikwida l-imsemmija d-danni, okkorrendo b'opera ta' periti nominati minn din l-istess Onorabbli Qorti sofferti minn l-attur Henry Falzon; u

3. Tikkundanna l-konvenut iħallas lill-attur Henry Falzon id-danni likwidati skond id-domanda preċedenti.

4. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli għad-danni li sofra, qed isofri u sejjer isofri l-attur Joseph Falzon konsegwenza tal-aġir vjolenti tal-konvenut dakinhar tas-sittax (16) ta' April 2002 hawn fuq deskritt; u

5. Tillikwida l-imsemmija d-danni, okkorrendo b'opera ta' periti nominat minn din l-istess Onorabbli Qorti sofferti minn l-attur Joseph Falzon.

6. Tikkundanna l-konvenut iħallas lill-attur Joseph Falzon id-danni likwidati skond id-domanda preċedenti.

7. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli għad-danni li sofra, qed isofri u sejjer isofri l-attur George Falzon konsegwenza tal-aġir vjolenti tal-konvenut dakinhar tas-sittax (16) ta' April 2002 hawn fuq deskritt; u

8. Tillikwida l-imsemmija d-danni, okkorrendo b'opera ta' periti nominati minn din l-istess Onorabbli Qorti sofferti minn l-attur George Falzon;

9. Tikkundanna l-konvenut iħallas lill-attur George Falzon id-danni likwidati skond id-domanda preċedenti.

10. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli għad-danni li sofra, qed isofri u sejjer isofri l-attur Michael Falzon *proprio* konsegwenza tal-agir vjolenti tal-konvenut dakinhar tas-sittax (16) ta' April 2002 hawn fuq deskritt; u

11. Tillikwida l-imsemmija d-danni, okkorrendo b'opera ta' periti nominati minn din l-istess Onorabbli Qorti sofferti minn l-attur Michael Falzon *proprio*; u

12. Tikkundanna l-konvenut iħallas lill-attur Michael Falzon id-danni likwidati skond id-domanda preċedenti.

13. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli għad-danni li sofra, qed isofri u sejjer isofri l-attur Michael Falzon *nomine* konsegwenza tal-aġir vjolenti tal-konvenut dakinhar tas-sittax (16) ta' April, 2002 hawn fuq deskritt; u

14. Tillikwida l-imsemmija d-danni, okkorrendo b’opera ta’ periti nominati minn din l-istess Onorabbli Qorti sofferti minn l-attur Michael Falzon *nomine*; u

15. Tikkundanna l-konvenut iħallas lill-attur Michael Falzon id-danni likwidati skond id-domanda preċedenti.

16. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenut huwa responsabbli għad-danni li sofra, qed isofri u sejjer isofri s-soċjeta’ attriċi konsegwenza tal-aġir vjolenti tal-konvenut dakinhar tas-sittax (16) ta’ April, 2002 hawn fuq deskritt; u

17. Tillikwida l-imsemmija d-danni, okkorrendo b’opera ta’ periti nominati minn din l-istess Onorabbli Qorti, sofferti mis-soċjeta’ attriċi; u

18. Tikkundanna l-konvenut iħallas lis-soċjeta’ attriċi d-danni likwidati skond id-domanda preċedenti.

Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 846/02 u tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 845/02 kontra l-konvenut illu huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, ppreżentata fit-3 ta’ Ġunju 2002, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Preliminarjament in-nullita’ tal-azzjoni attriċi in vista tal-kontradittorjeta’ manifesta bejn il-premessi attriċi u d-dikjarazzjoni tal-fatti attriċi, fejn l-ewwel jiġi premess illi *“l-atturi ġew milquta mill-isparar ta’ konvenut u feruti anke serjament”*, u mbagħad dikjarat illi ġie milqut u ferut biss Henry Falzon;

2. Preliminarjament ukoll in-nuqqas ta’ kompetenza *ratione valoris* ta’ dina l-Onorabbli Qorti fir-rigward ta’ l-azzjoni tas-soċjeta’ Fal-Con Limited, u n-nullita’ tal-azzjoni attriċi billi mhuwiex leċitu li jiġu esperiti kumulattivament azzjonijiet soġġetti għal kompetenzi ta’ Qrati differenti;

3. Preliminarjament ukoll in-nuqqas ta' rappreżentanza ġuridika tal-attur Daniel Falzon, billi mhux rappreżentat miż-żewġ ġenituri tiegħu kif trid il-liġi;

4. Fil-merut mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-infondatezza fil-fatt u fid-dritt tat-talbiet attriċi billi l-eċċipjent kien qiegħed jaġixxi lin leġittima difiża tiegħu nnifsu u billi kien qiegħed jaġixxi ukoll taħt l-influwenza ta' aġitazzjoni tal-moħħ ikkawżata mill-atturi Falzon stess;

5. Fil-merut ukoll mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, l-infondatezza fil-fatt u fid-dritt tat-talbiet ta' Joseph, George, Michael u Daniel Falzon billi fi kwalunkwe każ l-ebda wieħed mill-imsemmija atturi ma sofra l-ebda dannu.

Bir-riżerva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-rapporti tal-esperti mediċi kompriżi anke fil-proċess tal-kawża 254/04 JA.

Rat l-atti proċesswali kompriżi n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Mejju 2011 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni f'din il-kawża l-atturi qed jitolbu li jiġu riżarċiti d-danni li sofrew wara li l-konvenut fid-data msemmija spara diversi tiri fid-direzzjoni tagħhom. Fil-fatt il-konvenut qed jiskonta sentenza twila ta' ħabs fuq dan l-inċident (fol 109). Fil-bidu tas-smiegħ tal-kawża, l-atturi fuq ordni tal-Qorti ippreżentaw nota a fol 28 fejn indikaw id-danni li kienu qed jitolbu kull wieħed u waħda minnhom.

Illi dwar ir-responsabbilta’ tal-konvenut għall-akkadut u l-eċċezzjonijiet li ressaq ftit hemm x’wieħed jgħid. L-ewwel eċċezzjoni hija fis-sens illi hemm kontradittorjeta’ fil-kontenut tal-atti promotriċi tal-kawża iżda din ma tagħtix lok għan-nullita’ iżda *se mai* l-Qorti tieħu dan in konsiderazzjoni meta tiddeċiedi l-kawża; dwar il-kompetenza ta’ din il-Qorti ma hemmx lanqas kwistjoni għaliex ma hemm xejn li jimpedixxi lill-atturi jressqu kawża waħda u lanqas ma jirriżulta li m’għandhiex kompetenza l-Qorti dwar it-talba ta’ Fal-Con Limited. Daniel Falzon sar maġġorenni fil-mori tal-kawża u assuma l-atti personalment u allura jekk kien hemm xi nuqqas proċedurali inizjali fir-rappreżentanza tiegħu dan ġie sanat fil-mori tal-kawża bil-prinċipju tal-***jus superveniens.***

Illi l-konvenut eċċepixxa ukoll li hu aġixxa *in legittima difesa*; madankollu mhux biss ma ġab ebda prova ta’ dan ħlief li għamel referenza għall-istqarrija tiegħu fil-proċeduri kriminali fejn allega li huwa kien għamel diversi rapporti fuq l-atturi għaliex kien qed jiġi vessat minnhom iżda anke kieku dan kien il-każ, dan ma jiġġustifikax l-azzjoni insensata tiegħu li beda jispara fuq l-atturi fil-jum in kwistjoni.

Illi għalhekk kull ma trid tagħmel il-Qorti huwa li tiddeċiedi jekk l-atturi wieħed wieħed sofrewx danni f’dan l-inċident u jekk kien hekk li tillikwida dawn id-danni. Għalhekk ukoll hija se tinvestiga wieħed wieħed biex tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

**FAL-CON LIMITED**

Illi s-soċjeta’ attriċi qed titlob li tiġi risarċita l-ħsara sofferti fil-vettura *Trooper* propjeta’ tagħha u l-kirja ta’ vettura oħra; skond in-nota fuq imsemmija hija talbet danni għall-ammont komplessiv ta’ Lm10,000 (€23,293.73c). Fin-nota ntqal li bilfors kellhom jikru dik it-tip ta’ vettura biex setgħet tinstaq minn Henry Falzon billi dan ġie diżabilitat fl-istess inċident. Eventwalment it-talba żdiedet għal aktar minn tnax il-elf lira (aktar minn 29,000 Ewro). Hija qed titlob ukoll li tigi kompensata għal kważi €70,000

(Lm30,051.00) fis-sena billi ġiet privata mis-servizzi li kien jagħti Henry Falzon qabel l-inċident u li kawża ta' dan ma setax jibqa' jrendihom.

Illi huwa evidenti li s-socjeta' attriċi kif jgħid Shakespeare *'is after her pound of flesh'*. Il-Qorti ċertament ma tistax takkorda danni lil xi ħadd għax terz kien irendilu servizz b'xejn u issa dan ma jistgħax jagħmlu; d-danni huma pagabbli biss lil min isofrihom. Fl-istess ħin is-soċjeta' attriċi qed tikkontradiċi ruħha bl-aktar mod manifest meta tgħid li kellha tikri karozza biex jużaha Henry Falzon u fl-istess ħin tgħid li dan ma baqax jaqdiha aktar! La ma baqax jaqdiha, ma kellhiex għalfejn tikri l-karozza appożitament għalih!

Illi fir-rigward tad-danni fil-vettura jirriżulta mid-depożizzjoni ta' Joseph Mula fil-5 ta' Ġunju 2006 in rappreżentanza tas-soċjeta' assikuratriċi tal-vettura illi s-soċjeta attriċi tħallset s-somma ta' Lm 4,186 (€9,750.76) biex sewwiet l-istess vettura. Jidher li hija għamlet tentattiv biex dan l-ammont jiġi mogħti lura lilha iżda ma jirriżultax li dan sar. Għalhekk żgur mhix intitolata titlob dan l-ammont mingħand il-konvenut. Jirriżulta wkoll li s-soċjeta' attriċi m'għamlet ebda talba biex tiġi kumpensata mingħand is-soċjeta' assikuratriċi għall-kiri tal-vettura in sostituzzjoni u dan *nonostante* li kellha d-dritt tagħmel dan. Jidher minn dan il-fatt li hija preferiet titlob dan il-ħlas mingħand il-konvenut. Madankollu hu dover tad-denneġġjat li jillimita d-danni u mhux iżidhom; dwar l-allegazzjoni li hija ħadmet lil ċertu Mugliette minflok Joseph Falzon għas-salarju ta' mitejn Lm200 (€465.87) fil-ġimgħa sakemm l-istess Falzon fieq, ma nġabitx l-aħjar prova, u ċjoe' il-kotba kummerċjali tas-soċjeta'; għalhekk għall-Qorti s-soċjeta' Fal-Con Limited ma sofriet ebda dannu materjali mill-inċident, ħlief għad-differenza bejn il-ħlas li għamlet għat-tiswija Lm5,025.75c (€11,706.85) u l-ammont li tħallset mill-assikurazzjoni, u ċjoe' Lm4,186 (€9,750.76); kwindi Lm839.75 ekwivalenti għal €1,956.09.

**HENRY FALZON**

Illi skond Henry Falzon, kawża tal-inċident it-tobba li eżaminawh l-isptar qalulu li kien se jkollhom jaqtgħulu idu barra u għalhekk fittex parir barra minn Malta u għamel intervent l-Ingilterra fejn għalkemm tilef subgħajh salvawlu idejh. Kien ikun aħjar kieku nġiebu ukoll provi mediċi fir-rigward iżda kollox ma kollox jidher li dan kien minnu; fi spejjeż ma' dan l-intervent huwa nefaq €23,156.88. Il-Qorti ma hijiex se tieħu konjizzjoni tat-talba tiegħu li jitħallas għas-serviġi li qed irendilu wliedu għaliex dawn ma jistgħux jintalbu f'din l-azzjoni. L-istess dwar l-ipotesi li kieku jqabbad *nurse* jew *care worker* biex jieħdu ħsiebu.

Illi kwantu għal *lucrum cessans, in linea* mal-prinċipji stabbiliti fil-kawża **"Butler vs Heard"** u s-sentenzi li segwewha, il-Qorti naturalment trid timxi fuq l-opinjoni tal-esperti fir-rigward tad-diżabilta'; skond il-perit mediku Mr Zammit Maempel, Henry Falzon qed isofri minn diżabilita' permanenti ta' tmienja u għxorin (28) fil-mija. Skond l-espert psikjatriku huwa sofra diżabilta' ta tletin (30) fil-mija tal-persuna sħiħa. Il-Qorti assolutament ma taqbilx mat-teżi attrici (fol 356) illi allura għandha tikkakola d-danni fuq persentaġġ ġlobali ta' tmienja u ħamsin (58) fil-mija. Anzi s-sentenza fl-ismijiet **"Sultana va Micallef"** (20 ta' Lulju 1994) qalet ċar u tond illi *"fis-sistema legali tagħna hemm diġa' r-regola li jiġu likwidati biss id-danni reali u mhux ukoll dawk morali jew ta' natura psikika jew soċjali."* Dan naturalment jekk id-danni psikiċi ma jikkaġunawx problemi li jwasslu għal nuqqas ta' qliegħ tal-attur.

Illi l-attur odjern huwa bniedem avvanzat fiż-żmien iżda kien u għadu attiv fis-soċjeta' attriċi li hija waħda palesament familjari. Ma jirriżultax li l-problemi psikoloġiċi naqqsulu din l-attivita'. Naturalment pero' huwa sofra kif ġja' ngħad, diżabilita' permanenti fiżika li huwa ġust li jkun kompensat tagħha. Għalhekk għalkemm issa jgħodd kważi tmenin sena il-Qorti xorta tqis li għandha taddotta perjodu ta' ħames snin għall-*multiplier* filwaqt li tgħodd *arbitrio bonii viri* l-qliegħ tiegħu kieku x-xogħol jagħmlu ma' terz għal €10,000 fis-sena; għalhekk tmienja u għoxrin (28) fil-mija għall-ħames snin fuq dan l-ammont iwasslu għal €14,000. **Ma hemmx lok għal riduzzjoni tenut kont li l-inċident sar disgħa snin ilu.**

Illi b'kollox għalhekk Henry Falzon għandu jitħallas €33,156.88.

**JOSEPH FALZON**

Joseph Falzon kellu tlieta u erbgħin (43) sena meta ġara l-inċident u għalhekk il-Qorti se tadopera *multiplier* ta' (15) ħmistax-il sena li jidhrilha huwa l-aktar wieħed xieraq. Dan għaliex kif qalu ċerti sentenzi, f'dawn it-tip ta' kawzi, il-Qorti tkun qed tipprospetta u mhux tipprevedi b'ċertezza – ħadd ma hu ċert li se jasal biex jaħdem sa 61 (issa anke aktar skond l-eta' tad-danneġġjat); kellu salarju ta' kważi €23,000 fis-sena. Skond Mr Zammit Maempel id-diżabilita' hija ta' erbgha (4) fil-mija, għall-istess raġuni ġja' msemmja l-Qorti mhux se tieħu konjizzjoni tad-diżabilta' psikoliġika. Għalhekk il-multiplikazzjonijiet relattivi jwasslu għas-somma ta' €13,800. Għalkemm xehed li għamel spejjeż mediċi ma pproduċix dokumenti u allura l-Qorti se tieqaf hawn fir-rigward tiegħu.

**DANIEL FALZON**

Daniel Falzon kellu (16) sittax-il sena meta ġara l-inċident; ma sofriex diżabilita' fiżika fl-inċident iżda sostna li kellu problemi psikoloġiċi; l-espert psikologu qal li għandu diżabilita' ta' ($^{50}/_{100}$) ħamsin fil-mija minħabba f'dan. Madankollu huwa llum impjegat għalkemm sostna li minħabba l-inċident tilef interess fl-iskola u ħareġ jaħdem. Il-Qorti għal raġunijiet ovvji ma tistax takkorda danni daqshekk leġġerment pero' tifhem li żagħżugħ ta' (16) sittax-il sena jista' aktar faċilment jiġi kkundizzjonat minn inċident daqshekk gravi. Għaldaqstant *arbitrio bonii viri* se takkorda danni għas-somma ta' €4,000.

**GEORGE FALZON**

George Falzon palesament ma sofra ebda danni fl-inċident in kwistjoni; jgħid biss li m'għadux imur fuq l-inġenji għaliex ma jħossux aktar komdu. Il-Qorti ma tifhimx dan ir-raġunament u billi ma hemmx prova ta' diżabilita' ma hijiex se takkordalu danni.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ħlief fir-rigward ta' George Falzon, tilqa' t-talbiet attriċi *eccetto* s-seba', it-tmienja, id-disa', l-għaxra, il-ħdax u t-tnax-il talba li qed jiġu miċħuda, u tikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta' Fal-Con Limited is-somma ta' elf, disa' mija u sitta u ħamsin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€1,956.61); lill-attur Henry Falzon is-somma ta' tlieta u tletin elf, mija u sitta u ħamsin Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€33,156.68); lil Joseph Falzon is-somma ta' tlettax-il elf u tmien mitt Ewro (€13,800), u lil Daniel Falzon is-somma ta' erbat elef Ewro (€4,000).**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut, ħlief għall-ispejjeż ta' George Falzon li għandu jħallashom hu stess (komrpiż dawk tas-seba', tmien u d-disa' talba), filwaqt li dawk tal-periżja tal-espert psikjatra għandhom jitħallsu mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------